Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun

# The Melite Post

HARĠA SPEĊJALI · IL-GRUPP FILATELIKU TAŻ-ŻEJTUN · DIĊEMBRU 2018



Il-kult lejn Santa Katerina fiż-Żejtun ilu jeżisti minn qabel l-1436, minn meta l-Isqof de Mello semma fir-Rollo li l-kappella ta' Santa Katerina kienet diġà parroċċa. Iżda ma hemmx indikazzjoni ċara minn meta din il-kappella, li serviet bħala l-parroċċa l-qadima, bdiet tinbena. Għalkemm jidher li nbniet lejn l-aħħar tas-seklu 14.

Il-qima lejn il-qaddisin tal-Lvant, bħal San Ġorġ, bdiet tinfirex sew fl-Ewropa mill-kruċjati Nsara fis-sekli 11 u 12. Iżda, il-qima lejn Santa Katerina ħadet spinta fil-bidu tas-seklu 14, minn meta l-Papa Ġwanni XXII onora lil din il-qaddisa b'festa liturġika. Għalkemm il-konnessjoni taż-Żejtun mal-qaddisa Lixandrina hi eqdem minn dan iż-żmien, peress li jingħad li meta fis-seklu 12 twaqqaf il-Katidral tal-Imdina, id-dinjitarji tal-Kapitlu allokaw il-prebenda ta' Santa Katerina (li kienet tikkonsisti mill-art taż-Żejtun u 'l madwar) lill-Kantur. Infatti l-inħawi taż-Żejtun li kienu jikkonsistu wkoll f'Ħaż-Żabbar, Ħal Għaxaq, il-Bajja ta' San Ġorġ f'Birżebbuġa, Marsaxlokk, il-Bajja ta' San Tumas, Wied il-Għajn, u x-Xgħajra, kienu magħrufa bħala *Terra Sanctae Catherinae*.

Barra l-ammont ta' niċeċ li nsibu fiż-Żejtun ma nistgħux ma nsemmhux l-istatwa titulari ta' Santa Katerina li nħadmet fl-1757 minn Andrea Imbroll. Eżempju ta' kif kienet din l-istatwa nistgħu narawh ma' kantuniera fil-pjazza ta' Marsaxlokkk. Qabel din l-istatwa, fil-Parroċċa l-Qadima kienet diġà teżisti statwa oħra tal-Patruna fis-seklu ta' qabel. Il-knisja l-ġdida taż-Żejtun hi mżejna b'diversi pitturi li juru l-ħajja ta' din il-qaddisa martri, iżda l-aktar pittura ta' interess hi l-Qtugħ ir-Ras ta' Santa Katerina ta' Cassarino li tinsab fil-Mużew Parrokkjali.

**Niċeċ ta' Santa Katerina** fiż-Żona Urbana ta' Konservazzjoni fiż-Żejtun jinsabu f': Misraħ ir-Repubblika li nsibu niċċa u statwa, Triq Ħabel ix-Xgħir fejn insibu żewġ niċeċ, Triq Santa Fawstina, Triq San Duminku, Triq Santa Marija, Triq Xejba, Sqaq Wied il-Għajn Nru. 1 (Ta' Salvaturi), u fiċ-Ċimiterju ta' Santa Katerina. Fi Triq Santa Fawstina nsibu niċċa ta' Santa Fawstina, mart l-Imperatur Massiminu, li hi assoċċjata ma' Santa Katerina. Barra minn hekk, fiż-Żejtun insibu diversi niċeċ moderni fil-parapetti jew mal-opramorti tad-djar f'oqsma moderni. Kif ukoll insibu s-simboli ta' Santa Katerina bħal rota u l-palma minquxa fil-frontispizji jew ma' xi vilestrun.

**Niċeċ tal-Immakulata Kunċizzjoni** fiż-Żejtun jinsabu f': Misraħ il-Bandolier, Triq San Ġorġ, Triq San Girgor, Triq



## NIĊĊA TA' SANTA KATERINA

Din hi l-eqdem niċċa fiż-Żejtun li turi x-xbieha ta' Santa Katerina, il-patruna taż-Żejtun. Hawnhekk naraw kif kienet propjament l-istatwa titulari taż-Żejtun qabel sar it-tieni intervent ta' restawr fl-1929. Għalkemm hi niċċa qadima mgħandhiex indulġenzi.

Din it-triq li qabel kien jisimha Triq il-Ġdida, inbniet f'era differenti mill-kumplament ta' Bisqallin, hekk kif bdejna naraw l-istil barokk fosthom bin-niċeċ fil-kantunieri bħal ma' nsibu fil-Belt Valletta.

Fl-istess triq, ftit l-isfel minn din in-niċċa, insibu niċċa akbar ta' Santa Katerina li turi t-tibdil li sar fir-restawr tal-1929.



## NIĊĊA TA' SANTA KATERINA

L-istatwa ta' din in-niċċa hi kopja eżatt ta' Santa Katerina li nsibu fi Triq Ħabel Xgħir. Iżda din in-niċċa hi aktar moderna u għandha l-indulġenzi tagħha li jmorru lura għas-seklu 20.

Fuq il-faċċata tad-dar mal-ġenb tan-niċċa nsibu din l-iskrizzjoni tal-indulġenzi; *Mons. Dom Mauru Caruana Iskof ta Malta iati 100 ium indulgenz ghal min igheid Pat, Av u Glo, kuddiem din l'istatua ta S. Caterina V. u M. bid digriet tat 8 ta Marzu, 1922.*



## NIĊĊA TA' SANTA KATERINA

Din l-istatwa tal-franka tinsab fuq pedistall għoli ta' xogħol artistiku mill-iskultur Giuseppe Żahra. Dan il-pedistall jixbah lil dak tal-istatwa ta' Santu Rokku, li tinsab fuq l-istess zuntier.

F'nofs il-pedistall insibu din il-kitba minquxa; *Excelmus Revmus Archieoscopus Episcopus Melitae S.TH.D. Petrus Pace Decr: Diei V Decemb: MDCCCXCIX devote Pater Ave Gloria recitantibus XL dierum indulcentiam concessit.*

Din turina li din ix-xbieha ħadet l-indulġenzi mill-Isqof Pietru Pace fl-1899 bħal seħbitha l-istatwa ta' Santu Rokku. Fuq wara tal-pedistall ta' din l-istatwa fl-2005 twaħħlet plakka biex tfakkar iċ-ċelebrazzjonijiet taċ-ċentinarju, tal-1700 sena mill-martirju tal-patruna.



## NIĊĊA TAL-IMMAKULATA KUNĊIZZJONI

Ix-xbieha tal-Immakulata Kunċizzjoni tinsab f'niċċa bil-gwarniċ fuq stil barokk bħal ma' nsibu madwar il-bibien u t-twieqi tad-djar fl-inħawi tal-Gwiedi. Din hi t-tieni l-eqdem xbieha bl-indulġenzi f'triqat iż-Żejtun li tmur lura għall-aħħar tas-seklu 18 u jidher li tat l-isem lil din it-triq ukoll.

L-aktar parti sabiħa min-niċċa hi l-arzella li nsibu fuqha li hi skulturata tajjeb ħafna. Min-naħa ta' fuq il-gwarniċ jispiċċa b'żewġ skrolli.

Fuq lapida taħt din in-niċċa nsibu mnaqqax li r-Rev. Monsinjur Fra Vincenzo Labini, Isqof ta' Malta, kien ta l-indulġenzi ta' 40 jum għal min jirecta Ave Maria quddiem din l-istatwa.



## NIĊĊA TAL-IMMAKULATA KUNĊIZZJONI

Din in-niċċa u x-xbieha tal-Immakulata Kunċizzjoni għandhom valur artistiku kbir. Ma' kull ġenb tan-niċċa nsibu pilastru u kollona tonda bil-kaptelli li huma mżejna bil-weraq.

Quddiem in-niċċa nsibu kanċell tal-ħadid mill-isbaħ li jagħtiha d-dawl. In-niċċa għadha kemm ġiet restawrata fl-2018.

Il-plakka tal-indulġenza tgħid li l-Isqof ta' Malta Fra Gaetano Pace Forno jagħti 40 jum indulġeza għal min jgħid Ave Maria quddiemha f'ċertu Frar tas-seklu 19.

## AKKWISTA S-SENSIELA NIĊEĊ IŻ-ŻEJTUN

Niċeċ iż-Żejtun hi sensiela ta' 25 bolla u kartolina li se toħroġ f'5 ħarġiet matul l-2018 u 2019. Il-prezz hu ta' €0.90ċ kull bolla u €0.80ċ kull kartolina. Il-ħarġa li jmiss se toħroġ bit-timbru tal-Erbgħa, 6 ta' Marzu, 2019. **Importanti li tordna l-ordni tiegħek sal-Ġimgħa 1 ta' Marzu.**

### ORDNI

**Ordna billi ċċempel lill-Kunsill Lokali taż-Żejtun fuq 21 663 866 jew liċ-Chairperson tal-Grupp Filateliku, Sean Chircop, fuq 99 203 815, jew ibgħat fuq l-email t'hawn taħt. Jekk se tħallas b'ċekk irid ikun pagabbli lill-Kunsill Lokali taż-Żejtun.**

## ABBONA MA'

## THE MELITE POST

Publikatur: **Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun**

Indirizz: **Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun,**

**28, Dar iż-Żwieten, Triq Sant' Anġlu, iż-Żejtun**

Kuntatt: Telefon: **2166 3866**

Mobile: **9920 3815**

E-mail: **chircop.sean@gmail.com**

Editur: **Sean Chircop** Disinn: **Glen Chircop**